MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 19/2000/1

Maltacom plc

Vs

Jean Meilaq u b'digriet tas-7 ta' Marzu 2000 Dr. Mario Scerri gie nominat kuratur deputat biex jirraprezenta l-wirt battal ta' Jean Meilaq

Illum, it-Tnejn 26 ta' Marzu 2007.

Il-Qorti,

Rat l-avviz tat-talba prezentat fl-10 ta' Marzu 2000 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' disgha mija u sitt liri Maltin u sitta u disghajn centezmu (Lm906.96) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni

mas-servizz tat-telefon bin-numru 559925 (CN 304380) liema servizz gie nstallat fil-fond Blokk A, Flat 6, Triq Mewg il-Bahar, Marsalforn Ghawdex.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali, tas-26 ta' Frar 1998, it-taxxa VAT fuq id-drittijiet professjonali u l-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenut.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuratur deputat[1] li permezz taghha ddikjara li m'huwiex edott mill-fatti tal-kawza u rrimetta ruhu ghall-gudizzju ta' din il-Qorti fuq il-provi li jkunu ngabru.

Rat l-atti kollha nkluz il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Marzu 2007 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidrat:-

1. Mix-xhieda moghtija minn Manwel Cini[2] u d-dokumenti ezebiti (fosthom rendikont dettaljat tal-ammont li qieghed jintalab il-hlas tieghu)[3], jirrizulta li l-konvenut huwa debitur tas-somma reklamata, in kwantu:-

(a) Is-*service agreement* gie ffirmat minnu[4].
(b) Is-socjeta attrici qatt ma kienet irceviet xi talba biex jitnehha s-servizz tat-telefon mill-fond Blokk A, Flat 6, Ta' Mewg il-Bahar, Triq il-Qbajjar, Marsalforn (il-fond fejn il-konvenut talab li jigi nstallat u fil-fatt gie nstallat is-servizz tat-telefon).
(c) Jirrizulta li mill-ammont pretiz (li jkopri l-perjodu mit-23 ta' Awwissu 1995 sas-sena 1997) qatt ma sarux hlasijiet akkont. Is-servizz tat-telefon tnehha fis-7 ta' Ottubru 1997 minhabba li ma thallsux il-kontijiet.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut

---

[1] Fol. 49.
[2] Impjegat tas-socjeta attrici.
[3] Fol. 52.
[4] Fol. 53.

ihallas is-somma ta’ disgha mija u sitt liri Maltin u sitta u disghajn centezmu (Lm906.96), bl-ispejjez kif mitluba u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tas-26 ta’ Frar 1998 u f’kaz li ma gietx notifikata mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba. B’dan li l-ispejjez tal-kuratur ghandhom provizorjament jithallsu mis-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------